Ikkofinanzjat
mill-Unjoni Ewropea

# Ġisem. Ġrajja. Post.

Workshops tal-kitba tal-esej personali għall-**pubbliku**

F'Novembru tal-2025 għamilt tliet workshops tal-kitba tal-esej personali ta' ħames sigħat il-wieħed għall-pubbliku fil-Park Naturali ta' Xrobb l-Għaġin. Ir-rumanziera Maltija-Awstraljana Lou Drofenik li tgħix Melbourne xtaqet tattendi b'mod virtwali, imma ħassejt li sessjonijiet bħal dawn ma tantx jipprestaw ruħhom għal format li fih ikun hemm parteċipanti fil-post u parteċipanti oħrajn preżenti mill-bogħod. Għalhekk wegħedt lil Dr Drofenik li nibagħtilha filmat bl-istess riflessjonijiet dwar in-natura tal-esej personali bil-Malti li ppreżentajt lill-parteċipanti li kelli quddiemi Xrobb l-Għaġin. Xi ġranet wara li bgħattilha l-filmat wasal l-ewwel abbozz tal-esej tagħha, u wara ftit korrispondenza bejnietna, waslet din il-verżjoni finali.

Adrian Grima<br>24 ta' Novembru 2025

Lou Drofenik

## Kent Xorb l-Għaġin

Missieri miet ta' ħamsa u tmenin sena l-Awstralja. Ġie hawn fl-1965 meta kellu wieħed u sittin, l-età li l-irġiel Maltin kienu jieqfu mix-xogħol. Ma riedx jemigra. Malta kien kuntent. Dar u xogħol kellu, it-tfal kienu qed jikbru, u naħseb kien diġà qed jara dak il-bank għad-dell quddiem il-ħanut tal-inbid f'Ħas-Sajjied fejn kien jiltaqa' mal-ħbieb li kienu ilhom jafuh minn mindu kien tifel żgħir. Ġie biex jikkuntenta lil ommi li riedet tkun magħna, iż-żewġ uliedha — oħti u jien — li konna ġejna l-Awstralja qabilhom.

Missieri għex hawn erbgħa u għoxrin sena, u għalkemm ma kienx u la jaf jikteb u jaqra u lanqas jitkellem bl-Ingliż, l-Awstralja dara. Qatt ma tkellem fuq kemm xtaq imur lura lejn Malta. Missieri kien raġel ta' ftit kliem. Ftit wisq. Illum, wara dawn is-snin kollha li ħalliena, meta naħseb fuqu, jiddispjaċini ħafna li qatt ma staqsejtu x'kien iħoss fuq l-emigrazzjoni. Jien, dak iż-żmien, ma tantx kont naf nitkellem fuq is-sentimenti, speċjalment m'ommi u ma' missieri, jew għax kien jisgħobbija li ġew hawnhekk minħabba fija, jew għax moħħi kien dejjem jhewden fuq it-trobbija tat-tfal u fuq ix-xogħol tal-iskola fejn kont ngħallem.

Meta kellu erbgħa u tmenin sena missieri marad. Sabulu kanċer tal-prostata. Kien ilu fuqu żmien twil. Qatt ma qalilna li kien muġugħ u meta ħadnieh għand it-tabib kien tard wisq. Niftakar dakinhar li ġiet għalih l-ambulanza u kif qasamli qalbi meta qalli li ma riedx imur. Sal-lum għadni ma nafx għamilniex żball li bgħatnieh l-isptar tal-kura paljattiva, il-*hospice*, meta stajna żammejnieh id-dar biex imut f'soddtu kif xtaq. Hawnhekk "hospice" mhuwiex sptar fis-sens ta' post fejn jagħmlu l-operazzjonijiet imma speċi ta' residenza speċjalizzata, aktarx immexxija minn xi istituzzjoni reliġuża (fil-każ ta' missieri kienet il-knisja Kattolika) fejn jieħdu ħsieb dawk li jkunu qed imutu.

Għaliex nibżgħu minnha daqshekk il-mewt? Għaliex irridu nħallu dan l-aħħar episodju tal-ħajja f'idejn il-barranin? Għaliex inġibu daqshekk skużi biex naħslu idejna minn dawn l-aħħar jiem tal-ħajja ta' dawk li nħobbu? Tgħid huwa tort tal-kultura Awstraljana li twebbilna li l-isptar huwa l-aħjar post għal min ikun qed imut? li aħna m'għandniex il-ħila u l-kwalifiki meħtieġa biex inkunu responsabbli ta' dawn l-aħħar sigħat?

Missieri lanqas dam ġimgħa l-isptar. Jien kont immur narah kuljum, bilqiegħda maġenb dik is-sodda tal-wieħed bajda, f'kamra mimlija dawl minn tieqa kbira li minnha kont nara mifruxin

taħti l-ġonna ta' Kew. F’dan il-jum partikolari indunajt li missieri kien qed joħlom. Il-morfina, nieżla qatra, qatra fil-vina ta’ idu x-xellugija, kienet qiegħda taħdem. Wiċċu, li minn dejjem kien żgħir, issa kien qisu nxtorob. Ġismu taħt il-liżar abjad qsar. Imma xagħru griż nokkli kien għadu folt: ix-xjuħija u l-mard baqgħu m’għamlulu xejn lil xagħru. Fetaħ għajnejh u ħares lejja. Staqsejtu jekk kienx muġugh, ċaqlaq rasu u qalli li le. Tbissimli.

“Aqta’ fejn kent[1],” qalli.
“Fejn, Pa?” staqsejtu.
“Kent Xorb l-Għaġin, nistod,’ qalli.

Missieri miet b’Xorb l-Għaġin, kif dejjem sejjaħnielu, taħt il-kpiepel t’għajnejh. Hemmhekk qatta’ l-isbaħ snin ta' ħajtu, minn tfulitu sakemm kiber. Kien jaf kull rokna, kull blata, kull kalanka. Kien jaf fejn jistaħba l-qarnit, fejn jgħum l-aħjar ħut, fejn tista’ ssib ikla mħar. Kien jaf jaqra l-mewġ, is-sħab, l-irjieħ.
Kien jaf li jekk ir-riħ ikun ġej mit-Tramuntana, il-mewġ sa jiġi minn Taħt Ġejġu; jekk jiġi mix-Xlokk, sa jħabbat mal-blat ta' Delimara.
Is-sħab kien ikellmu.
“Qed taruwha dik is-sħoba hemm? Għada xita.”

Il-familja ta’ missieri kienu jgħidulhom tal-Melħ għax kienu jagħmlu l-melħ. In-nannu tiegħi kellu ċ-ċens tas-salina ta' Xrobb l-Għaġin. Fl-aħħar ġimgħa ta’ Mejju kien jgħabbi kollox u kulħadd fuq il-karettun u jerħulha lejn is-salina. L-ewwel biċċa xogħol kienet tkun li jsewwu l-gorboġ żgħir fejn kienu sa jqattgħu s-sajf. Din kienet kamra tal-ġebel, mibnija kif ġie ġie, art tat-torba u bieb żgħir li trid titbaxxa biex tidħol. In-nanna kellha tmint itfal u missieri kien wieħed mill-kbar. Għalhekk naħseb li n-nanna ma setax kellha dawk it-tfal kollha meta missieri kien għadu żgħir. Imma hu kien dejjem jgħid li kien imur kulħadd, l-aħwa kollha.

Wara li kienu jlestu fejn joqogħdu kien ikollhom isewwu l-ħitan tal-għadajjar li kienu jkunu tfarrku bil-baħar fix-xitwa. Il-melħ kien isir f’dawn l-għadajjar. Kien hemm żewġ għadajjar fondi u kbar fejn l-ilma baħar kien jinżamm biex jisħon. Madwarhom kien hemm għadajjar żgħar b’ħitan baxxi li kienu jimlewhom barmil, barmil bl-ilma sħun mill-għadajjar il-kbar. Xogħol iebes taħt xemx taqli, b’għajnejn in-nannu fuq is-sħab għax ħalba xita waħda u l-melħ kien jerġa’ jsir ilma. Missieri, ta’ sitt snin kien diġà jaħdem fil-melħ, igozz il-melħ b’żewġ paletti tal-injam biex meta jkun niexef sew ikun jista’ jinġabar fl-ixkejjer għall-bejgħ.

[1] Missieri kien jitkellem bid-djalett Karkariż.

Għalkemm dan kien xogħol ta' tbatija kbira, meta kien jitkellem fuq tfulitu missieri qatt ma kien jgħid li kien ibati. Anzi kull storja li kien jgħidilna kienet xi praspura li kienet issaħħarna u kienet iġġagħal lil ommi tgħolli għajnejha lejn is-sema u tgħidlu biex ma joqgħodx jimlielna rasna bil-ħmerijiet.

Jiena l-istorja li kont inħobb nisma' kienet dik li meta kien tifel u kien joqgħod jiġġerra madwar Tas-Silġ il-ħares kien iħallilu l-muniti tad-deheb biex isibhom. Kien jaħlef li din kienet il-verità u li ommu darba tatu xebha għax qaltlu li kien qed jisraq. Meta konna nistaqsuh x'kien jagħmel bihom dawk il-flus kien jgħidilna li jew kien jaħbihom f'xi ħajt tas-sejjieħ jew ipoġġihom fil-kaxxa tal-flus fil-knisja tal-Madonna tas-Silġ. Jien din l-istorja tant kienet impressjonatni li ħafna u ħafna snin wara bbażajt ir-rumanz *Of Cloves and Bitter Almonds,* fuq dawn l-istejjer, ktieb li rebaħ premju letterarju fl-Awstralja.

Jekk missieri qatta' l-isbaħ żmien ta' tfulitu Xrobb l-Għaġin, jien qattajt l-isbaħ snin ta' meta kont qed nikber hemmhekk ukoll. Kont il-kbira tar-razza, il-fissuda tal-familja ta' missieri. Kont inqatta' s-sigħat nilgħab għand iz-zijiet tal-Melħ. Bilqiegħda f'rokna tal-intrata bil-magna tal-ħjata ittektek min jaf kemm smajt stejjer mingħand dawk in-nisa li kienu jiġu għand iz-zija Marì biex tħitilhom il-ħwejjeġ, stejjer li ġibt miegħi fil-bagalja meta ġejt l-Awstralja u li spirawni biex nibqa' nikteb.

Meta kien jasal is-sajf u missieri u z-zijiet kienu jkunu qed ilestu biex imorru jaħdmu fil-melħ, kont inkun bla sabar. Tgħid dis-sena joħduni? Tgħid dis-sena jieħdu lil xi ħadd minn ħuti jew mill-kuġini? Ah, kemm kont nobdi, kemm kont nagħmel minn kollox biex immur. U fl-aħħar, meta z-zija kienet tiddeċiedi li tmur magħhom biex toqgħod issajjar, kemm kont nixtieq li jiġini l-kuraġġ li nitlobha biex immur magħha. Iz-zija kienet tmur biex tieħu ħsieb "is-subien", kif kienet issejħilhom, u jekk ma kinitx tmur hi, lili ma kinux joħduni. X'dellirju ta' ferħ kien jaqbadni meta ommi kienet tgħid lil missieri biex joħodni miegħu għax ma kinetx tiflaħ tgħaddi sajf ieħor f'dik id-dar żgħira weħidha b'dawk it-tfal li riedet toqgħod b'seba' għajnejn fuqhom kollha.

Imbagħad fl-aħħar kien jasal il-jum li nirkeb fuq it-trakk taz-ziju, bilqiegħda fuq quddiem, marsusa mal-koxox taz-zija Zepp, li mil-Laqxija sa quddiem iċ-ċimiterju tal-Addolorata ma kinitx tieqaf tgerger u taħlef li din kienet l-aħħar darba li kienet sa tmur magħhom. Tieqaf tgerger biex ngħidu Pater Noster u Agħtihom Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem, u mbagħad terġa' tibda. Ngħaddu Bir-id-Deheb, nitilgħu t-telgħa ta' Marsaxlokk, u nduru lejn il-knisja

tal-Madonna tas-Silġ. Inroddu salib ieħor u nibqgħu sejrin. It-trejqa lejn Xrobb l-Għaġin kienet mimlija ħofor, u t-trakk kien joqmos qisu żiemel sfrattat. Sakemm fl-aħħar naslu.

Xrobb l-Għaġin ġebli, mutrab, niexef. Baħar tal-ġenn. Kamra tal-konkos li fil-gwerra kienu jarmaw fiha kanun. Saqaf baxx. Tant hu baxx li jekk tinsa u tgħolli rasek tispiċċa b'gundalla daqsiex. Sodod waħda ħdejn l-oħra. Iz-zija, missieri, tliet zijiet ġuvintur, in-nannu, u jien. Kuċiniera fuq xkaffa. Kaxex mimlija ikel. Ħalib tal-bott. Għaġin. Fliexken taż-żejt. Landa galletti, oħra biskuttelli. Tonn taż-żejt. Żebbuġ. Ġbejniet t'Għawdex. Tewm. Basal. Bixkilla tadam. Oħra mimlija patata.
Ħut. Ħut frisk għadu jaqbeż.
Missieri ħuta. Jgħum 'il barra. Jorqod fuq il-baħar.
"Mela ma ninżillekx il-baħar. Jien negħreq fi grokk," kienet tgerger iz-zija.
Kien kliem li jwerwirni u ma jħallinix nitgħallem ngħum.
Jiem niġġerra fix-xemx, naqbeż minn blata għal oħra wara farfett ikħal li ma jridx jinqabad. Sigħat inċafċaf f'għadira, imsaħħra wara ringiela ħut trasparenti, qishom mingħajr ġilda, u ma' kull mewġa granċ iswed dieħel u ħiereġ minn toqba fil-blat. Mumenti iċċassata fuq qarnita tgħum f'qiegħ barmil tal-enamel biz-zija lesta bis-sikkina biex issajjarha.
"Allaħares nifqgħalha l-linka," kienet tgħid wara li trodd is-salib u tgħid ġakulatorja lill-Madonna tal-Ħerba.
Imbagħad mixja filgħaxija biex naqtgħu il-kappar li jikber kullimkien. Bilqiegħda maġenb in-nannu, l-istilel ileqqu f'sema sewda dlam, għajnejja mtaqqlin, kuruna tar-Rużarju f'idejja.
"Isa, posta waħda baqqgħalna, m'hemmx għalfejn tibqa' mqajma għal-Litanija."
U l-mewġ iwasslilna l-ilħna tas-sajjieda ħerġin minn Marsaxlokk.
"'Bonswa, Anġ."
"Bonswa Ninu, Peppi, Leli, Fredu."
Iljieli mimlija inħir, bass, sogħla, nemus. Jum itir wara l-ieħor. Il-kristalli tal-melħ jiddu f'dik ix-xemx qalila t'Awwissu. Uċuħ suwed miksija għaraq. Il-ġilda ta' bejn is-swaba' tas-saqajn maqsuma, xfafar ta' wġigħ li ma jtaffix. Għajnejn ipetptu, maħruqa mid-dija tal-melħ. In-nokkli ta' xagħri li ilhom ma jaraw moxt 'il fuq minn xahrejn isiru qishom is-suf ta' mogħża selvaġġa. Ommi żgur se taqtagħli xagħri.
"Tqaxxarhulek," jinkuni z-zijiet.
Mimlija biża', missieri jniżżilni Birkirkara għall-festa ta' Santa Liena.
"Daqshekk Xorb l-Għaġin għalik," tgħidli ommi meta tarani.
Ngħid lili nnifsi li "Sa sajf ieħor tinsa."

Bħal missieri qatt ma nsejtu lil Xrobb l-Għaġin ta' dak iż-żmien bla ħsieb, Xrobb l-Għaġin ta' tfuliti. Il-pajsaġġ, l-ilħna, il-lewn tal-baħar, ix-xtieli, il-ħofor, il-kristalli tal-melħ jiddu taħt ix-xemx qalila t'Awwissu. U għalkemm inbidel, kull meta ngħaddi lejl f'dik il-kmajra, bil-kuġini reqdin madwari, bil-fannijiet jagħtu, missieri hemm ikun ħdejja.

"Sabiħa, ejja ħa nurik kemm qbadt rizzi dalgħodu."